**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:**_______________________________ **Klassi:**____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(1) | F(2) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 6 | 6 | 6 | 11 | 19 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:




F'dawn iż-żminijiet qegħdin nisimgħu ħafna l-kelma *ambjent.* Imma hemm tfal, kif ukoll kbar, li għadhom ma jafux xi tfisser sewwa din il-kelma. L-ambjent huwa dak kollu li jinsab madwarna: id-dar tagħna stess, l-iskola, it-toroq, l-ibliet, l-irħula, il-kampanja, l-arja, l-ilma u l-baħar, u kulma jinsab fihom. *(par.1)*

Dawn kulħadd jaf bihom, iżda minħabba li drajniehom, bilkemm naħsbu fuqhom. Hekk ġara fid-dinja. In-nies ta' kull pajjiż bdew jużaw l-ambjent tagħhom kif ġie ġie, u biż-żmien, bdew jindunaw li kien qiegħed jiżdied l-iskart fuq l-art u fil-baħar kif ukoll bdew deħlin affarijiet u sustanzi oħra ta' skart fl-ilma u fl-ikel.*(par.2)*

Meta n-nies bdew jindunaw li kienet qiegħda ssir il-ħsara fl-ambjent, f'xi pajjiżi bdew jagħmlu liġijiet biex in-nies jikkontrollaw l-iskart mhux biss tad-dar, iżda wkoll ta' l-industriji. Aħna l-Maltin ukoll qegħdin naraw kif nieħdu ħsieb l-ambjent u naraw li ma jkomplix jitħassar, għax wieħed għandu jiftakar li l-ilma, l-arja u l-ikel malajr jistgħu jitniġġsu u minħabba fihom jibda dieħel il-mard. *(par.3)*

L-ambjent li ġej mill-bniedem bħal bini, toroq, ġonna, għamliet ta' ikel, fabbriki u dak kollu li ħallewlna missirijietna rridu nieħdu ħsiebu biex lil ta' warajna nħallulhom wirt li jkun ta' ġid għalihom. Jekk dak li nħallu warajna aħna jkunx ta' ġid jew le jiddependi biss minna lkoll. *(par.4)*

L-ambjent naturali, jiġifieri l-ħxejjex selvaġġi, l-ilma ġieri, il-blat u l-art, l-arja ta' madwarna, il-baħar b'kulma fih, u l-ħlejjaq kollha li jinsabu fuq l-art u fl-ajru rridu nieħdu ħsiebhom sewwa għax huma l-bażi tal-ħajja tagħna. Jekk tiġri xi ħaġa lill-arja, jekk jispiċċaw il-ħxejjex selvaġġi, jekk l-annimali jispiċċaw jew jonqsu, aħna lkoll nispiċċaw jew immorru lura. Għalhekk għandna nagħmlu kull sforz biex l-ambjent ta' madwarna napprezzawh u nibżgħu għalih biex ingawduh aħna u ta' warajna. *(par.5)*

(Addattament minn kitba ta' Guido Lanfranco)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Semmi żewġ affarijiet li jagħmlu parti mill-ambjent ta' madwarna.

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

2. X'ġara meta n-nies bdew jużaw l-ambjent kif ġie ġie?

_______________________________________________

_______________________________________________(1)

3. X'għamlu xi pajjiżi meta bdew jaraw il-ħsara li kienet qiegħda ssir lill-ambjent?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. X'jista' jiġrilhom l-ilma, l-arja u l-ikel? *(par.3)*

_______________________________________________(1)

5. Semmi żewġ affarijiet fl-ambjent naturali li rridu nieħdu ħsiebhom sewwa għax huma l-bażi tal-ħajja tagħna.

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

6. Inti x'tista' tagħmel biex l-ambjent Malti ma jkomplix jitħassar?

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (22 marka)

(i) **ANALIŻI TESTWALI**

1. Agħti kelma oħra flok ***dawn iż-żminijiet***. *(par.1)*

   _______________________________________________ (1)

2. Il-kliem ***kif ġie ġie*** jfissru:

   bl-addoċċ ☐ bil-galbu ☐ (1)

3. *Minħabba fi**hom** jibda dieħel il-mard.(par.3)*

   Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fil-kelma fi**hom**?

   _______________________________________________ (1)

4. Sib u ikteb l-aġġettiv f'din il-frażi**: *jiġifieri l-ħxejjex selvaġġi*** *(par.5)*

   _______________________________________________ (1)

(ii) **LESSIKU / VOKABULARJU**

Mis-silta sib il-kelma li tfisser bħal:

1. nirriflettu (*par.2)* _______________________
2. jikber *(par.2)*_______________________
3. jeħżien (*par.3)*_______________________
4. kreaturi (*par.5)*_______________________ (4)

(iii) **SINTASSI / SENTENZI**

Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira:

1. L-ambjent huwa dak kollu li jinsab madwarna.

   Dak kollu li jinsab________________________________________________________ (1)

2. Jekk l-annimali jispiċċaw jew jonqsu aħna lkoll nispiċċaw jew immorru lura.

   Aħna lkoll nispiċċaw jew immorru lura__________________________________________

   _____________________________________________________________________ (1)

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. a) Ikteb l-ittra li qiegħda tagħmel in-nom ***sustanzi*** fil-Plural_______________________ (1)

   b) In-nom ***sustanzi*** huwa:

   Plural Sħiħ ☐ Plural Miksur ☐ (1)

2. Ikteb l-Artiklu fil-vojt:

   ____ __ studenti kienu qegħdin attenti jisimgħu _____ taħdita dwar l-ambjent waqt li ______ ġenituri kienu qegħdin jippreparaw _______ affarijiet għall-ħarġa fil-kampanja. (4)

3. Kulħadd għandu jaħdem biex ikollna **l-aqwa** ambjent.

   Ikteb is-Superlattiv tal-kelma fil-parentesi:

   a) It-triq tagħna ġiet magħżula bħala ________________ (sabiħ) triq fir-raħal kollu. (1)

   b) Il-kejk li sajret ommi kien __________________ (tajjeb) fosthom kollha. (1)

4. Imla l-vojt b'nom imnissel mill-kliem tal-ġenb.

| SENTENZA | KELMA |
|---|---|
| a. Kienet qiegħda ssir __________________ kbira lill-ambjent. | ħassar |
| b. Għamlu liġijiet biex in-nies jikkontrollaw l-________________. | skarta |
| ċ. Irridu nieħdu ħsieb il-ħlejjaq ta' l-___________ u tal-_______________. | artna; baħħar |

(4)

| | |
|---|---|
| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (6 marki) |

Imla l-vojt biex tifforma l-Qawl jew l-Idjoma:

1. Ix-xemx titla' u x-______________ tinżel għal kulħadd.
2. Bis-sabar u biż-żmien ______________________________________ fit-tmiem.
3. Bil-qatra l-qatra __________________________________________.
4. Fis-siegħa u _________________daħal fuqu missieru.
5. Sar minn kull ________________ meta ra dik il-ħerba kollha.
6. Ħin bla ______________________ ħass kollox idur bih.

| | |
|---|---|
| **D. ĦILIET FIL–MALTI KOMUNIKATTIV** | (6 marki) |

Imla l-vojt bi kliem xieraq biex tagħti sens lil dan id-djalogu:



Omm: Fittxu lestu għax minn hawn u ftit ieħor nitilqu lejn il-baħar.

John: Iva, il-basket bl-________________ lest. Ġibt ukoll ________ u _____________ biex inkun nista' nilgħab fuq ir-ramel.

Mary: Jiena kważi lesta, il-*cream* li jipproteġini _________________________ ma nsejtux!

Omm: Ma ninsewx nieħdu basket tal-plastik biex fih nitfgħu l-___________________ u b'hekk ma ______________________ l-ambjent.

| | |
|---|---|
| **E. PROĠETT – TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR** | (6 marki) |

Ikteb madwar tletin kelma fuq xi suġġett li fittixt dwaru din is-sena għall-proġett tal-Folklor.

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

| F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 1 | (11-il marka) |
|---|---|

Wieġeb il-mistoqsijiet A, B, Ċ

**A.** **Il-Bikja Tal-Buskett** ta' Oliver Friggieri



Kull ġebla tenniet kelma
li llum tafha bl-amment,
u qaltli biex inwassal
lill-kotra dal-lament.

Dil-bikja smajt ġo qalbi
kif dħalt 'il ġewwa nett
u ntlift fil-ħdura siekta
tal-ġenna tal-Buskett.

1. Din il-poeżija titkellem dwar l-ambjent naturali?

   Iva ☐ Le ☐ (1)

2. Lil min kellu jwassal dal-lament tal-ġebel il-poeta?

   ______________________________ (1)

3. X'sema' l-poeta ġewwa qalbu?

   ______________________________ (1)

4. *Amment* u *lament* huma żewġ kelmiet li jirrimaw.

   Ikteb iż-żewġ kelmiet l-oħra li wkoll jirrimaw.

   ______________________________ (2)

**B.** Il-poeżija ***Il-Ħolma t'Alla*** ta' Anton Buttigieg titkellem ukoll dwar l-ambjent naturali. Ikteb madwar għoxrin kelma fuqha.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

**Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u f'madwar għoxrin kelma għid għaliex għoġbitek.

| |
|---|
| *distanza* – Tarċisju Zarb, *Dik Mewġa!* – Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* – Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies Tal-Fanali* – Anton Buttigieg, *Xita* – Mary Meylak |

Isem il-poeżija -________________________________ Isem il-poeta -________________________________

Il-poeżija għoġbitni għaliex____________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________________________ (3)

| **F. (ii) LETTERATURA – PROŻA** | (19-il marka) |
|---|---|

**A. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra

Imla l-vojt bi kliem xieraq.

1. Helen kienet tħobb _________________________________. (1)
2. Ġira kienet il-______________________ ta' Helen u John. (1)
3. It-tfal marru f'Għar Għoli biex jaraw il-______________________ il-________________________. (2)

**B. Stejjer Minn Tarf ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

*Is-Santa taċ-Ċikwejra, In-Niżla tal-Ganċ, Il-Ħamiem tal-Barumbara*.

1. ______________________ kienu jiġġennu għas-santa li kien ikun hemm fil-pakkett taċ-ċikwejra. (1)
2. Il-ħaddiema li jkunu ġejjin jew sejrin ix-________________________ kienu l-aktar nies li jużaw in-niżla tal-ganċ. (1)
3. L-hena tat-tifel kienet li jara li l-ħamiem isibu triqthom bla tfixkil għall-______________________. (1)

**Ċ. Stejjer tal-Linka** – Sedqa

Aqra din is-silta mill-istorja ***Sunny*** u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

Kien jismu Sunny u kien joqgħod mas-sorijiet tan-Nigraw. Kien tifel kwiet, pjuttost xipli, pjuttost ta' għalih waħdu, u ta' ftit kliem. Kien iqatta' l-ħin tiegħu l-iskola jpinġi fuq kull biċċa karta li jsib. Il-biċċa l-kbira tat-tpinġija tiegħu kienet tkun skeletri jew uċuħ ta' nisa tondi tondi bil-maktur abjad imdawwar m'għonqhom. In-nisa li kien ipinġi kienu jkunu ħoxnin bħal dawk li nstabu fit-tempji megalitiċi tal-gżira fejn kien twieled.

1. X'kien jismu t-tifel ta' l-istorja u fejn kien joqgħod?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2. Iddeskrivi dan it-tifel.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. Fejn taħseb li kien twieled dan it-tifel?

______________________________________________________________________(1)

4. X'kien iħobb ipinġi l-aktar?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5. Sunny kellu bżonnijiet partikolari f'ħajtu. F'***L-istorja ta' Jo*** u ***Jason Grima*** niltaqgħu ma' tfal li wkoll kellhom bżonnijiet partikolari f'ħajjithom. Ikteb madwar tletin kelma fuq **Waħda** minn dawn iż-żewġ stejjer.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn is-suġġetti. Ikteb fuq karta separata.

1. Qlajt LM50! Għid x'se tagħmel bihom.
2. Dak li nixtieq nagħmel matul il-vaganzi tas-sajf 2007.
3. Ġurnata d-dar waħdi.
4. Film li għoġobni ħafna.
5. Ikteb dwar kif tqatta' l-ġranet tal-festa tar-raħal tiegħek.